MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 78/2023-8

L-Erbgħa, 23 t'Awwissu 2023

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:
Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini.

## 78.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

78.1.1 Ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji peress li l-membri kollha kienu ser ikunu preżenti.

## 78.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

78.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 77/2023-8 damu ma ġew ċirkulati, l-membri qablu li dawn għandhom jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss.

## 78.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

78.3.1 Is-Sindku, Dott Marlene Cini qalet li fil-festa ta' din is-sena mexa kollox b'wiċċ il-ġid u rringrazzjat lil min ta' sehmu speċjalment lil Arċipriet. Rigward l-għeluq tat-triq il-Ħadd filgħodu u filgħaxija, il-Kunsillier Nicky Saliba qal li l~~-marċ beda tard peress li damet ma ngħalqet it-triq~~ it-triq ingħalqet fil-10:45am u l-marċ beda fil-11:30am. Qal li ra l-pulizija jiġġieled ma wieħed bit-trak u kellu jiftaħlu biex jgħaddi. Qal imbagħad fil-għaxija l-pulizija għalaq kmieni. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li waqt il-kunċert m'għandhux ikun hemm għeluq. Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li għas-sena d-dieħla għandu jkun hemm sistema ta' park & ride. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li l-iżbalji li saru din is-sena nieħdu ħsieb li jiġu ndirizzati. Is-Sindku ndirizzat il-fatt li fuq l-għeluq tat-toroq mill-Pulizija, dan sar skont il-permess li sar mill-Parroċċa. Il-Kunsill kellu x'jaqsam biss ma' l-uffiċċjali ta' Transport Malta.

78.3.2 Is-Sindku nfurmat lil membri li rċeviet messaġġ mingħand is-Sindku ta' Maletto fejn infurmha li ser ikun qed jiġi hu flimkien ma' martu, l-Viċi Sindku u kunsulent tiegħu għal żjara f'Għawdex. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jospithom.

78.3.3 Is-Sindku, Dott Marlene Cini infurmat lil membri li għal World Clean Up Day 2023, il-Kunsill ġie mogħti s-somma ta' €1,500. Is-Sindku stiednet lil membri preżenti sabiex jattendu għal din il-clean up fil-Wied ta' Marsalforn li ser issir fis-16 ta' Settembru.

## 78.4 Tweġibiet/Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

78.4.1 *Il-Viċi Sindku, Sandra Grech ressqet dawn il-punti:-*

78.4.1.2 Talbet sabiex jitwaħħal railing ta' l-istainless steal fit-taraġ li jieħdok għal bajja ta' Marsalforn faċċata ta' l-għassa. Il-membri qablu li ssir talba lil Ministeru għal Għawdex.

78.4.1.3 Talbet sabiex jitnaddaf mill-ħass l-moll ta' fejn is-sellum fejn il-palletta. Il-membri qablu li jiġu nfurmati l-Public Cleansing Section f'dan ir-rigward.

78.4.1.4 Talbet sabiex jiżdied il-*yellow line* faċċata tal-Creek fil-kantuniera ma Triq Frank Debono. Il-membri qablu li ssir talba lil Transport Malta.

78.4.1.5 Rigward l-istreet lighting fi Triq ir-Rabat, talbet sabiex dawn jitranġaw malajr kemm jista' jkun. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Enemalta infurmati b'dan diġa.

78.4.1.6 Talbet sabiex jinqata l-ħaxix ħażin fit-toroq ta' Marsalforn. Il-membri qablu li jiġu nfurmati l-Public Cleansing Section.

78.4.1.7 Staqsiet jekk il-Kunsill kellux xi risposta rigward iż-żebra crossing ġdida fi Triq Santa Marija. Ġiet infurmata li ser tiċċekja ma' Transport Malta.

78.4.1.8 Staqsiet jekk hux ser jerġgħu jitpoġġew il-mobile toilets fejn l-breakwater. Ġiet infurmata fin-negattiv peress li dan inħaraq.

78.4.2 *Il-Kunsillier, Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:-*

78.4.2.1 Informa lil membri li r-Reġjun Għawdex ser iġibu xi tfal mill-Ukrajna u propona li nospitaw ġurnata. Il-membri qablu.

78.4.2.2 Rigward Triq is-Sagħtrija qal li jaqbel li din issir bit-tarmac pero qal li għandu bżonn jinbena l-ħajt. Is-Sindku nfurmatu li ser issir laqgħa mal-kuntrattur u l-Perit tal-Kunsill fuq il-post u għalhekk stiednet ukoll lil membri tal-Kunsill.

78.4.2.3 Rigward il-ħajt tat-triq fi Triq Wied l-Abjad. Talab lil membri sabiex bħal ma nbena f'Wied l-Infern jinbena dan ukoll. Fakkar lil membri li t-triq

ċediet u qiedgħa ta' perikolu għal kull min jużuha. Il-membri qablu li dan il-ħajt jinbena minn J.P Saliba.

78.4.3 *Il-Kunsillier Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:-*

78.4.3.1 Rigward Triq Ta' Ċenċ. Is-Sindku nfurmatu li din ser tinbeda' dalwaqt. Il-Kunsillier Daniel Cordina talab indikazzjoni taż-żmien. Il-Kunsillier Baskal Saliba staqsa jekk il-Kunsill għandhux kopja tas-survey. Ġie nfurmat fin-negattiv.

78.4.3.2 Propona sabiex tiżdied tabella 'Welcome to Zebbug' fil-bidu ta' Triq is-Sagħtrija u talab sabiex dik li hemm imwaħħla fejn iċ-ċimiterju taż-Żebbuġ titwaħħal aktar l-isfel. Il-membri qablu li ssir talba lil HSBC f'dan ir-rigward peress li dawn jiġu sponsorjati minnhom.

78.4.3.3 Qal li qed jaslulu diversi lmenti rigward l-imwejjed li qed jikkapparaw anke l-bankijiet fejn ipoġġu bil-qeda n-nies fil-promenade ta' Marsalforn. Talab sabiex il-Kunsill ikellem lis-Supt. tal-pulizija f'dan ir-rigward u tintbgħat korrispondenza lil MTA u l-Awtorita' ta' l-Artijiet. Il-membri qablu.

78.4.3.4 Talab sabiex issir tfakkira lil Ministeru għal Għawdex rigward il-Bus Stop u r-railing imkisser fi Triq ix-Xagħra. Il-membri qablu.

78.4.3.5 Rigward il-Bus Stop ta' Triq is-Sagħtrija sostna li l-Kunsill għandu jikkordina mal-Public Transport sabiex teħel kif suppost. Is-Sindku nfurmatu li meta kelmithom qalulha li meta jkollhom biżżejjed f'Għawdex din titwaħħal.

78.4.3.6 Irringrazzja lil Kunsill li tneħħew 3 vieġi terrapien mit-telgħa lejn ta' Kuljat. Talab sabiex minn fejn tneħħa dan it-terrapien isiru 3 jardi konkos. Il-membri qablu li jitqabbad R.Axiaq u jmorru l-ħaddiema tal-Kunsill sabiex iwittu.

78.4.3.7 Rigward il-ħaddiema tas-CWS qal li meta jitqabbdu jeqtew il-ħaxix dawn għandhom jieħdu bonus peress li hekk jagħmlu Kunsilli oħra. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li dawn jingħatalhom *performance bonus* fl-aħħar tas-sena. Il-Kunsillier Daniel Cordina ser jivverifika iktar fuq din.

78.4.3.8 Rigward il-Ġnien tat-3 Għoljiet, staqsa jekk il-Kunsill kellhux risposta għat-talba tiegħu sabiex issir laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu fin-negattiv. Hawn sostna li kulħadd jaf x'inhu jiġri f'dan il-ġnien fost oħrajn vandaliżmu u teħid ta' droga. Propona li jsiru 2 gates li jkunu jingħalqu. Is-Sindku proponiet ukoll li jitwaħħlu 2 floodlights. Il-membri qablu li għandha ssir talba lil Ministeru għal Għawdex.

78.4.3.9 Talab sabiex jitkompla l-ħajt ta' 2 filati li qed jinbena fi Triq Wied l-Infern. Qal li baqa biss 7 metri x'jinbnew. Il-membri qablu li jkompli jinbena.

78.4.3.10 Talab sabiex isiru skips ġol Menqa għal boroż is-suwed sabiex tad-dgħajes ikunu jistgħu jagħmlu użu minn dawn l-iskips. Is-Sindku nfurmatu li l-Kunsill ma kinx tħalla li jpoġġi aktar skips tal-borża s-sewda madwar il-lokalita'. Il-Kunsillier Nicky Saliba kkonferma dan. Is-Sindku nfurmatu li mhux ġust li għas-sidien tad-dgħajjes jitpoġġa skip waqt li għar-residenti tagħna le. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li tad-dgħajes m'għandhom ebda dritt ipoġġu l-boroz is-suwed fil-Menqa. Wara diskussjoni l-membri qablu li titwaħħal tabella u nicekjaw ma' TM jekk tistax toħroġ disclaimers notice mal-Mariners Notice fuq iż-żibel li qed jintrema fil-Menqa. Qablu wkoll li ssir CCTV li tkun titħaddem mill-LESA.

78.4.3.11 Rigward il-parti ta' Triq Għajn Mhelhel fejn il-ġebla tal-Manġerat, il-parti tat-triq li tranġat temporanjament bil-konkos. Talab sabiex il-Ministeru għal Għawdex jagħti indikazzjoni meta ser titranġa bit-tarmac u tiġi mirfuda l-blata li qed iċedi.

78.4.3.12 Talab sabiex għas-Sajf li ġej jiġi ordnat taraġ ta' l-istainless steel fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer u ieħor fejn l-islipway tal-Bajja tal-Qbajjar. Il-membri qablu.

78.4.3.13 Talab sabiex il-bankina ta' G. Cefai fi Triq Skapuċċina titbaxxa peress li saret ħażin. Il-membri qablu li titniżżel mal-lista' tal-bankini.

78.4.3.14 Talab sabiex tintbgħat tfakkira lil Gozo LC Works rigward talba għal bankina ġdida fi Triq Sant Indrija. Il-membri qablu.

78.4.3.15 Talab sabiex isiru trinek tad-dawl fit-toroq li ser jiġu miksija jiġifieri fi Triq ta' Tuttiet u Triq ta' Ħluq. Il-membri qablu li ssir talba lil Enemalta.

78.4.3.16 Talab sabiex jitranġa s-sellum ta' fejn l-islip way tal-Bajja tal-Qbajjar. Il-membri qablu.

78.4.3.17 Qal li waslitlu informazzjoni illi Triq il-Qbajjar mhix ser issir kif kien imwiegħed mill-Ministeru għal Għawdex. Sostna li wasal iż-żmien li l-Kunsill jara minn fejn jista' jikseb fondi għal kisi mill-ġdid ta' din it-triq.

78.4.3.18 Talab sabiex jitkompla l-ħajt tal-parti tat-triq li qed iċċedi fi Triq is-Sagħtrija. Sostna li bħal ma saret parti tkompli ssir ta' maġenba wkoll. Is-Sindku nfurmatu li wara rapport mill-PA li kellu l-Kunsill dan il-ħajt reġa nqala u l-Kunsill ser japplika kemm mal-PA kif ukoll għat-trenching.

78.4.3.19 Fakkar sabiex malajr kemm jista' jkun jingħalaq l-aċċess għal Qolla l-Bajda. Is-Seg. Eżekuttiv infurmathom li l-ewwel l-Kunsill għandu japplika għad-devoluzzjoni tas-sit. Il-membri qablu li din il-materja għandha titpoġġa fuq l-aġenda tal-Kunsill.

78.4.3.20 Propona u l-membri qablu li titkompla tinkesa l-parti li baqa' ta' Triq Oniċi. Qablu li l-Kunsill jipprova jġib il-konkos mill-Ministeru għal Għawdex.

78.4.3.21 Talab sabiex tintbgħat tfakkira lil Perit tal-Kunsill għal BOQ tal-kisi ta' parti minn Triq il-Ponta.

78.4.3.22 Informa lill-membri li l-pjanti li hemm fuq il-front ta' Marsalforn mejta u talab li jinbidlu. Il-membri qablu li ssir talba fuq il-Gozo LC Works.

78.4.3.23 Rigward is-sigurta fiż-Żebbuġ, qal li r-residenti u rrabjati u sostna li bħala Kunsill għandna niġbdu l-attenzjoni tal-membri tal-korp fil-laqgħa li ssir kull xahar.

78.4.3.24 Qal li kellmu artist Żebbuġi rigward iż-żiemel ta' bla ras, monument li ser isir fuq is-Salini u qal li infurmah li dan ma jagħmilx sens pero proponielu li ssir bħal fekruna magħmula minn materjal riċiklat minflok. Il-Kunsillier Nicky Saliba ġibed l-attenzjoni li fejn ser isir il-monument huwa privat. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li suppost li l-Kunsill ġie kkonsultat f'dan ir-rigward. Is-Sindku fakkritu li dan l-artist kien diġa ressaq din il-proposta fi żmien is-Sindku preċedenti u ma kinx hemm qbil li jsir il-monument li qed jipproponi l-artist Żebbuġi. Il-membri qablu tinħareġ stqarrija fuq il-FB tal-Kunsill rigward il-monument tas-Salini.

78.4.4 *Il-Kunsillier Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:-*

78.4.4.1 Talab sabiex jitwaħħlu t-tabelli li talab fil-laqgħa preċedenti 'Falling Rocks' f'Għar Qawqla. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li dawn twaħħlu.

78.4.4.2 Talab sabiex isir CCTV fi Triq Frank Debono peress li l-pulizija mhux ser ikunu qed iwaħħlu waħda huma. Il-membri qablu li titwaħħal waħda mill-Kunsill u tiġi sorveljata mill-LESA.

78.4.4.3 Informa lil membri illi l-latrina tal-Qbajjar Promenade għandha bżonn tinżebah ftit. Il-membri qablu li tinġibed l-attenzjoni tal-Public Cleansing. Il-Kunsillier Nicky Saliba Propona u l-membri qablu li l-latrina tal-Bajja ta' taħt ix-xifer titwaħħal bozza u jibda' jieħu ħsiebha dak li jieħu ħsieb il-pitch tal-boċċi.

78.4.4.4 Talab sabiex tintbgħat tfakkira rigward il-crash barriers fi Triq l-Imgħallem.

78.4.4.5 Talab sabiex issir tfakkira rigward ir-restawr tal-Batterija tal-Qbajjar u ssir pressjoni għar-restawr. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li hu infurmat li l-Awtorita' ta' l-Artijiet ma jridux jgħadduha f'idejn Din l-Art Ħelwa għax iridu jerġgħu jgħadduha lil privat.

## 78.5 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report (Quarter 2)*

Is-Sindku stiednet lil accountant tal-Kunsill permezz ta' kollegament telefoniku fil-5.30 ta' filgħaxija sabiex jagħti spjegazzjoni fuq il-qadgħa finanzjarja tal-Kunsill. Qal li għal dan il-kwart tas-sena, l-Kunsill kellu iktar dħul milli ħruġ minn skemi u allokazzjoni. Qal l-Kunsill daħħal iktar minn €90,000 u li l-Kunsill mexxa tajjeb ħafna sa Ġunju iżda għadd fadal aktar kontijiet deħlin. Kompla jgħid fl-ewwel kwart tas-sena normali li jkun hemm iktar spejjes. Qal li skond it-tieni kwart tas-sena l-Kunsill għandu dejn ta' €11,404 jiġifieri FSI -2%. Qal li fl-ewwel kwart l-Kunsill kellu FSI -9%. Is-Sindku rringrazzjatu u inqata l-kollegament telefoniku fil-5.35 ta' filgħaxija.

## 78.6 Salt Festival

Is-Sindku nfurmat lil membri li s-salt festival kellu jsir f'Settembru 2023 pero talbet sabiex minflok isir bejn it-8 u l-10 ta' Diċembru 2023. Talbet

li jinbidel iż-żmien peress li ma laħaqx sar il-procurement kollu. Il-membri qablu.

## 78.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

78.7.1 Talba mingħand sid tal-melħ fix-Xwejni sabiex isir aktar tindif frekwenti. Is-Sindku nfurmat lil membri li dawn is-sidien lanqas riedu li din it-triq tinkines bl-ixkupi minħabba l-ħsara li jista' jiġri lil melħ. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li dan mhux minnu. Il-membri qablu li jinżebaħ u jinkesa kif suppost il-ħajt minn P.Caruana.

78.7.2 Emejl mingħand il-Malta International Organ Festival għal għajnuna sabiex jiġi organizzat kunċert fil-Paroċċa. Il-membri ma qablux peress li hawn organista fir-raħal.

78.7.3 Talba mingħand Esplora sabiex jorganizzaw roadshow outreach fil-Bajja ta' Marsalforn fit-2 ta' Settembru. Il-membri qablu pero ma jistghu jipparkjaw l-vettura fuq il-post.

78.7.4 Talba mingħand JP Camilleri sabiex issir bankina ġdida fi Triq Mons Gużeppi De Piro. Il-membri qablu li ssir talba fuq il-Gozo LC Works.

78.7.5 Rigward il-bankini ta' Pjazza l-Assunta, fejn il-Perit tal-Kunsill talab sabiex jiltaqa' miegħu xi ħadd mill-Kunsill sabiex ifehmu kif jixtieq li jsiru l-bankini biex ikun jista' jħejji l-Pjazza. Il-membri qablu li għandhom jattendu s-Sindku u l-Kunsillier Daniel Cordina.

78.7.6 Cirkulari Nru 14/2023 – Tindif ta' Storm Water Culverts qabel ix-Xitwa. Il-membri qablu li jitnaddfu ta' Triq il-Ponta, Triq Għajn Mhelhel, Triq Madonna taċ-Ċiċċri, Triq Kaċċaturi u Triq Għażżiela. Il-Kunsillier Daniel Cordina talab sabiex il-Kunsill jitlob lil Ministeru għal Għawdex biex jitnaddaf il-Wied ta' Marsalforn qabel ma tagħmel ix-xita.

78.7.7 Talba mingħand amministrattur fi blokka fi Triq Għajn Mhelhel sabiex jinżebgħu l-kaxxi tal-parkeġġ. Il-membri qablu.

78.7.8 Talba mingħand il-kuntrattur ta' l-ischammel sabiex fi Triq Barda isiru double yellow lines jew tabelli tan-no parking bil-ħinijiet sabiex ikun jista' jdawwar l-ischammel għax qed ikollu joħroġ b'lura. Il-membri qablu titalab il-veduta ta' Transport Malta għal aħjar deċiżjoni.

78.7.9 Talba mingħand C Camilleri fejn propona li jitpoġġew tabelli bl-ispeed limit fi Triq Santa Marija. Il-membri qablu li ssir talba lil Transport Malta.

78.7.10 Talba mingħand A Aquilina għal double yellow lines mal-ġnub tal-garaxx fi Triq Qolla s-Safra. Il-membri qablu.

78.7.11 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li reġa ġie mġedded għal 3 snin oħra il-kuntratt ta' l-Asst. Prinċipal tal-Kunsill.

78.7.12 Proposta mis-CPT sabiex jinżebgħu double yellow lines fil-parti d-dejqa ta' Triq Għajn Mhelhel peress li qed jipparkjaw il-vetturi. Is-Sindku ddikjarat kunflitt ta' nteress waqt li l-Kunsilliera Nicky Saliba, Daniel Cordina u Baskal Saliba astjenew.

78.7.13 Ħajt fi Triq Sagħtrija li kellu jinbena minn A Attard, is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li wasal il-kont tal-krejn u tax-xogħol. Il-membri ma qablux li dan għandu jitħallas peress li nbena fil-privat u kellu jerġa jinqala. Qablu pero li jitħallas il-ġebel peress li ntuża x'imkien ieħor.
↳ pero il-Kunsillier Nicky Saliba propona li għandu jitħallas €500.

78.7.14 Is-Seg. Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-membri rigward offerta ZGLC/12/2021 – Maintenance of Zebbug Playing Field fejn infurmathom illi hemm kuntratt ieħor għal istess xogħol għal manteniment għal ġonna pubbliċi. Il-membri qablu li din il-materja tiġi diskussa f'laqgħa oħra tal-Kunsill.

78.7.15 Talba sabiex il-Kunsill jiddikjara li sqaq fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri qed isir il-manteniment u l-upkeep tiegħu. Il-membri qablu.

78.7.16 Proposta mis-CPT sabiex jinzebaħ il-yellow line f'kantuniera fi Triq is-Sajjied. Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

78.7.17 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li J.Refalo ser jaħsel Triq il-Port, parti minn Triq il-Qbajjar u Triq il-Forn nhar it-Tnejn li ġej fis-6.00 ta' filgħodu.

78.7.18 Talba mingħand R. Falzon sabiex isir il-manteniment meħtieġ fis-soft area bħal żebgħa ta' bankijiet u jinżabru l-ħedges ta' Triq il-Qbajjar. Il-membri qablu.

78.7.19 Talba mingħand il-Public Cleansing sabiex issir CCTV fil-parkeġġ ta' Marsalforn peress li qed jitfew ħafna boroż. Il-membri qablu li tiġi mwaħħla waħda li titqabbad mal-LESA u jeħel ukoll floodlight.

78.7.20 Talba mingħand C. Vella sabiex jitnaddaf il-Wied ta' wara l-Qbajjar Restaurant. Il-membri qablu.

**78.8** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 49/2023 għall-perjodu ta' Awwissu 2023 li tammonta għal €112,644.31 ġiet diskussa bejn il-membri. Il-Kunsillier Daniel Cordina iddikjara li hu mhux qed japprova il-kontijiet imniżżla bin-numru 31, 43 u 44 peress li hu ma jaqbilx ma l-ammont mitlub. Il-Kunsillier Nicky Saliba mhux qed japprova l-kont tar-Reġjun t'Għawdex bin-numru 23 fuq l-iskeda ta' pagamenti peress li dan il-kont mibgħut minnu bħala Environmental Officer fi ħdan l-istess Reġjun u dan wara li l-Kunsillier Nicky Saliba rċieva direzzjoni mid-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex ma japprovax dan il-kont biss mill-iskeda ta' pagamenti.

**78.9** Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.50 ta' filgħaxija. Il-membri qablu li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir nhar il-Erbgħa, 20 ta' Settembru 2023 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv